**21 ta' Lulju, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D**

Aurelio Mea noe et

*versus*

Paul Mifsud noe

**Nullità — Każ ipotetiku**

*Huwa prinċipju f'materja ta' proċedura illi l-attur irid ikollu nteress attwali u mhux sempliċement ipotetiku biex huwa jkun jista' jitlob pronunċjament ġudizzjarju; dina l-attwalità titqies li teżisti ukoll jekk jirriżulta illi l-pronunċjament mitlub ikun preordinat għal domanda oħra li jkollha bħala fundament tagħha l-fatti stess li fuqhom ikun qiegħed jintalab l-istess pronunċjament billi allura dan ma jibqax iżjed ipotetiku*

wa jkun jista' jitlob pronunċjament ġudizzjarju; dina l-attwalità titqies li teżisti wkoll jekk jirriżulta li l-pronunċjament mitlub ikun preordinat għal domanda oħra li jkollha bħala fondament tagħha l-fatti stess lif uqhom ikun qiegħed jintalab l-istess pronunċjament billi allura dan ma jibqax iżjed ipotetiku u fin-natura ta' parir li jkun altrimenti qiegħed jintalab fil-Qorti, u jsir hu stess attwali għax rigwardanti fatti li jkunu ġraw bejn il-kontendenti;

*Illi* applikat dana l-prinċipju *għall-każ in eżami, il-konklużjoni* ma' tistax tkun ħlief li tonqos dina l-attwalità ta' l-interess fl-atturi u li qiegħed jintalab lill-Qorti pronunċjament fuq każ ipotetiku biss; infatti d-domanda ma tirrigwardax xi fatti li ġraw biex jingħata xi provvediment dwar l-istess iżda tirrigwarda xi fatti futuri li, kif konċepita d-domanda, jistgħu wkoll ikunu differenti minn dawk li diġà ġraw; dan ifisser li ċ-ċirkostanzi li fuqhom qed jintalab il-pronunċjament tal-Qorti lanqas m'huma magħrufa u dina hija nvitata biex tiddikjara li d-deċiżjoni tal-atturi biex ma jiġux impjegati d-delivery clerks f'konsenji futuri (li tagħhom iċ-ċirkostanzi ma humiex il-lum magħrufa) *sejra tkun tajba f'dawka ċ-ċirkostanzi dwar* l-utilità għalihom tal-istess "delivery clerks" u kwindi għandu jħallashom il-konvenut nomine jekk jimpjegahom kontra dika d-deċiżjoni tagħhom. Talba bħal din evidentement ma tistax issir u hija rritwali;

Għal dawna l-motivi:—

Tilqa l-eċċezzjoni preliminari opposta mill-konvenut nomine u kwindi tillibera lil-istess mill-osservanza tal-ġudizzju — bl-ispejjeż kontra l-atturi.